SANNAT

Minuti ta’ tieni laqg•a tas-sebgħa le•islatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffi••ju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ġimgħa, 10 ta’ Lulju ta’ 2009 fil-5.30 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Pre•enti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Vi•i-Sindku | Anthony Merċieċa |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffi•jali: | |
| Is-Segretarju E•ekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqg•a bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

5 Ġew approvati u ffirmati l-Minuti tal-laqgħa numru wieħed li saret fit-3 ta’ Lulju 2009.

**Item 2. Korrispondenza**

6 L-Ambaxxata Amerikana kkuntatjaw lil-Kunsill dwar il-*lectures* li kellhom issiru għat-tfal tal-iskola. Huma rrakomandaw li dawn issiru għat-tfal fl-Iskola Sajf. Dawn kellhom issiru fil-aħħar ta’ Mejju jew il-bidu ta’ Ġunju u ma sarux għaliex s-sala tal-iskola kienet qed tiġi rranġata. Il-Kunsill għandu jkellem lis-Surmast jew il-persuna nkarigata mill-Iskola Sajf sabiex ikun possibbli li jsiru dawn il-lectures.

7 L-Arċipriet tal-parroċċa ta’ Sannat stieden lill-Kunsilliera għal-pontifikal li ser isir f’Jum il-Festa, il-Ħadd, 26 ta’ Lulju 2009 fid-9.00a.m.

8 Ittra oħra kienet mis-Soċjeta’ Mużikali S. Margerita fejn ferħu lill-Kunsill il-ġdid għal ħatra tiegħu. Huma offrew l-għajnuna tagħhom lill-Kunsill.

9 Memo 37/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Garanziji Bankarji fuq xogħlijiet ta’ żvilupp fejn il-Kunsilli Lokali ġew imwissija li ma għandu ħadd jitlob garazija bankarja addizzjonali lil xi sid għal xogħol ta’ kostruzzjoni.

10 Memo 41/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Programm URBACT taħt L-ERDF li jelenka 3 linji ta’ priorita’ li huma:

1. L-Ibliet, muturi tat-tkabbir u l-impjegati.
2. Bliet attraenti u magħquda.
3. Għajnuna teknika.

11 Il-Kurja tad-Djoċesi ta' Malta bagħtet kopja tal-istqarrija tal-Kummissjoni Ambjentali li ġiet pubblikata dan l-aħħar.

12 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsilli Lokali li għalqilhom il-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart domestiku joħorġu l-offerta skond il-kuntratt il-ġdid. Għandha ssir laqgħa bejn il-Kunsilli Lokali taż-Żebbuġ, Sannat, Xewkija, Munxar u Xagħra sabiex jiddiskuti l-possibbilta' li joħorġu offerta flimkien għaliex jista' jkun li meta jkunu fi grupp din tista tkun irħas.

13 Ittra mill-Ministeru għal Għawdex dwar il-kalendarju Kulturali t'Għawdex "online".

14 Annaliz Zammit mill-*Where's Everybody* kitbet fejn qalet li ser ikunu jorganizzaw il-Programm Pjazza u dawk li huma nteressati għandhom jikkuntatjawha. Il-Kunsill qabel li din tiġi kkuntatjata biex jingħata iktar informazzjoni.

15 SR Solutions bagħtu ittra fejn ferħu lill-Kunsill il-ġdid għal ħatra tiegħu u stiednu lill-Kunsill biex imur jara l-prodotti tagħhom.

16 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet dokument mill-Caritas dwar attivita' kontra l-faqar.

17 TCTC awguraw lill-Kunsill il-ġdid u semmew is-servizzi tagħhom li joffru.

18 L-offerta tal-manutensjoni tas-*street lighting* ser terġa toħroġ u hemm xi suġġerimenti li qed jiġu proposti li jiżdiedu fil-kuntratt. Kopja ta' dawn il-proposti l-ġodda ngħatat lill-Kunsilliera preżenti.

19 Ittra mingħand il-kantanta Francesca Borg li offriet is-servizzi tagħha lill-Kunsill.

20 Ittra mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fejn offrew l-għajnuna tagħhom.

21 Ittra dwar seminar li jikkonċerna l-Wirt Kulturali u l-Att ta' Kurazija. Għal dan is-seminar ser jattendi s-Sindku.

22 Ittra mingħand D-Consulta Ltd. li jispeċċjalizzaw fil-EU Funds. F'din l-ittra huma offrew is-servizzi tagħhom lill-Kunsill.

23 Is-Sur Charles Beżżina kiteb dwar il-kotba li għandu ppublikati u jixtieq ibiegħ ftit minnhom lill-Kunsill għal librerija. Hu qal li f'dawn il-kotba jissemma r-raħal ta' Sannat fit-tieni gwerra dinjija. Il-Kunsill qabel li jixtri sitt kotba minn kull waħda minn dawn il-pubblikazzjonijiet.

24 Ittra mingħand Anton Żarb (Cast Iron Products) fejn informa lill-Kunsill li d-*dustbin* li kien ordnat għal Triq it-28 ta' April 1688 wasal. Dan għandu jinġieb biex jitwaħħal.

**Item 3. Materja Oħra**

25 Is-Segretarju ta rendikont tal-flus li għandu l-Kunsill u l-Kunsilliera ingħataw kopja ta' *statement* riċenti tal-flus li l-Kunsill għandu l-bank kif ukoll il-*Financial Statements* tal-Awditur sa l-aħħar ta' Marzu 2009.

26 Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-allokazjoni finanzjarja għas-sena 2009 -2010 li tingħata mill-Gvern Ċentrali, kopja tal-Budget għas-sena April 2009 – Marzu 2010, kif ukoll kopja tal-Business Plan għas-snin April 2009 – Marzu 2013.

27 Il-Kunsilliera ngħataw lista tal-kuntratti tas-servizzi pendenti li għandu l-Kunsill.

28 L-ittra r-reġistrata li ntbagħtet lill-kuntrattur Joseph Attard datata 15 ta' Ġunju 2009 dwar il-ġranet li ma ħadimx fuq ix-xogħol ta' bini tal-uffiċċju amministrattiv ma nġabritx minnu wara li saru diversi tentattivi mill-posta. Il-Kunsill ingħata parir mill-avukat sabiex il-Kunsill jagħmillu ittra uffiċjali biex iżommu responsabbli għan-nuqqasijiet tiegħu fejn hu kiser il-kuntratt tax-xogħol. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jagħmillu din l-ittra uffiċjali billi jintbgħatlu l-istess ittra sabiex jiġi nfurmat li ser jeħel il-multa skond il-ftehim li kien sar.

29 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill dwar xogħlijiet pendenti li għandu l-Kunsill inkluż applikazzjonijiet pendenti li għandu fosthom, dwar l-iskema Energy Saving Scheme, l-iskema għall-Aċċissibilta' għal postijiet pubbliċi, l-applikazzjonijiet tal-UIF għal fanali, bankijiet u dustbins fi Triq it-28 ta' April 1688 u l-applikazzjoni ta' Triq Sannat għal fanali. Għal applikazzjoni ta' tieni fażi ta' Triq it-28 ta' April 1688, it-talba hi ta' €19,510 u għal dik tal-fanali fi Triq Sannat it-talba hi ta' €13,870. Peress li fil-fond tal-UIF hemm €24,428 allokati għal Sannat, il-Kunsill ġie mitlub mill-MEPA joħroġ id-differenza mill-fondi tiegħu. Il-Kunsill approva li joħroġ din d-differenza sabiex ikun jista' jieħu dawn il-fondi.

30 Il-Kunsill ġie nfurmat dwar il-kuntratti li hemm pendenti kif ukoll dwar l-kuntratti li għadu jridu joħorġu li huma tal-kisi tat-taraġ bil-granit, il-*passanger lift* u attrezatturi oħra. Dwar il-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv, il-Kunsill ġie nfurmat dwar is-sitwazzjoni tal-qasma diviżorja ta' l-art ma' John Grima.

31 Dwar l-għoti ta' tarmak fi Triq il-Blat, Triq V. Caruana Spiteri u Triq Falkun, l-Kunsill ġie nfurmat li 'l-kuntrattur kien ordnat li jagħti kisja waħda ta' 50mm biss f'kull triq. Għal xi raġuni dan il-kuntrattur ta żewġ kisjiet tarmak ta' 50mm fi Triq il-Blat u Triq V. Caruana Spiteri. Dan wasal sabiex il-Kunsill ma għandux flus f'idejh qabel idaħħal l-flus tal-UIF biex tingħata kisja waħda fi Triq Falkun kif kien ippjanat li ssir sa Ġunju 2009. Il-kuntrattur kien infurmat mis-Segretarju sabiex jagħti kisja waħda biss kif kellu bil-miktub fil-kuntratt.

32 Dwar Triq Kalati fejn dan l-aħħar twaħlu t-tabelli ta' *No Parking* fil-parti mit-triq fejn hi dejqa, is-Sindku ġie mitlub sabiex t-triq issir kollha *No parking* inkluż, fil-parti fejn hi wiesa'. Il-Kunsill ma qabilx għar-raġuni li f'dik il-parti it-triq hi wiesa' biż-żejjed anki jekk ikun hemm karozza pparkjata. F'każ ta' diffikulta' r-residenti konċernati għandhom jgħamlu rapport lil pulizija rigward l-ipparkjar ħażin.

33 Is-Segretarju nforma lis-Sindku u l-Vici-Sindku li jridu jieħdu l-ġurament tagħhom għand il-Kummissarju tal-Ġustizzja hu Dr. Mario Scerri.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 p.m. u ġiet aġġornata biex tkompli nhar il-Erbgħa, 15 ta' Lulju 2009 fis-6.00 p.m.

SANNAT

Arthur Bajada
Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella
Sindku